**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta’ Gunju 2021**

Rikors Numru: 155/18 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1526/81)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi hija zzewwget lill-intimat fit-tmienja (8) ta' Awissu elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat tlieta u ghoxrin (23) ta' April elfejn u tnejn (2002), in atti tan-Nutar Dott. Tonio Spiteri, liema kuntratt qiegħed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;

3. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied, illum lkoll maggorenni, u ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment bejniethom.

4. Illi r-rikorrenti taf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illum il-partijiet ghandhom il-hajja separata taghhom.

5. Illi ghaddew oltre erba' snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

6. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' C D hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat a fol 13 li permezz taghha rrileva:

1. Li hu qatt ma ha manteniment ghaz-zewg ulied minorenni u ċioe E u F D minghand ir-rikorrenti allavolja dan kien obbligu taht il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet ffirmat fit-23 t' April 2002;

   Arretrati hemm:

Euro 4239.45- dovuti bhala Lm 5 fil-gimgha x52 gimgha x 7 snin-ghall-F.

Euro 1,210- dovuti bhala LM 5 fil-gimgha x52 gimgha x 2 snin ghall E.

Total Euro 5,449.45

2. Illi ghalhekk mhux minnu li ma hemmx pendenzi ta’ manteniment;
3. Illi oltre hekk hu m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Illi l-Qorti rat illi fir-risposta tiegħu l-intimat qiegħed joġġezzjona illi jinħall iż-żwieġ bejn il-partijiet peress illi r-rikorrenti għandha tagħtih arretrati ta’ manteniment fis-somma ta’ Euro 5,449.45;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta’ April, 2018;

Semgħet lix-xhieda kollha li tressqu nkluz iben -il partijiet E D

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Irrizulta mis-smiegħ tal-provi illi r-rikorrenti qegħda tikkontendi li hija m’ghandhiex tħallas ebda manteniment peress illi żewġha ma kienx għaddilha d-deheb;

Illi dan il-fatt jinsab kontestat mix-xiehda li ressaq l-intimat illi kienet aktar veritiera mix-xiehda tar-rikorrenti, senjatament meta xehed iben il-partijiet E D;

Il-Qorti rat ukoll illi skont il-kuntratt ta’ separazzjoni r-rikorrenti kellha tieqaf biss milli tħallas il-manteniment mhux jekk żewġha ma jgħaddilhiex id-deheb izda jekk hi tiġi *unemployed* u mill-*employment history* tar-rikorrenti jirrizulta li dejjem kienet impjegata u effettivament

jinsab esebit l-*employment history* tagħha a fol. 36, 37, 38 u 39 tal-proċess.

Għaldaqstant il-Qorti rat illi l-intimat irnexxielu jipprova illi waħda mir-rekwiziti essenzjali sabiex il-qorti tkun tista' tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, u ċioe` dak li ma hemmx pendenzi fil-ħlas tal-manteniment, ma ġietx ippruvata.

Għaldaqstant wieħed mir-rekwiziti essenzjali sabiex żwieġ jiġi maħlul, u cioe' il-fatt illi ma hemmx manteniment dovut, ma ġiex sodisfatt u għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti;